MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Avviz Numru. 536/2004

**Avviz numru  536/04DM**

**Alfred u Gaetana konjugi Vella**

**Vs**

**Joseph u Miriam konjugi Gouder**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mija u sitta u sebghin lira Maltin, u hamsa u disghin centezmu (Lm3,176.95) rapprezentanti arretrati ta' kera dovuta fuq 'garage' bl-isem ta' Roderick Garage, gewwa Triq Tal-Handaq, Handaq, limiti ta' Hal Qormi liema 'garage' jinsab mikri lill-istess konvenuti ai termini ta' skrittura privata datata 17 ta' Marzu, tas-sena 1995, u liema arretrati huma dovuti in kwantu ghal elf, disa' mija u sebgha u disghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,997.81) bhala

bilanc ta’ kera li kienet ghadha ma thalsitx sad-19 ta’ Settembru, 2004, u kwantu ghal elf, mija u disgha u sebghin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm1,179.14) bhala skadenza ta’ sitt (6) xhur kera bil-quddiem li ghalqet fl-20 ta’ Settembru, 2004.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ ittra legali datata 27 ta’ Settembru, 2004, u bl-interessi skond il-ligi u dekorribbli mid-data ta’ kull skadenza dovuta kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lill-attur bil-gurament, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta’ tlett elef, mija, sitta u sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm3,176,95) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mill-11 ta’ Otturbu, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------